MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 810/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**
**vs**

**Mary Vella**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-24 t'April, 2003 fejn intalab il-hlas ta' wiehed u ghoxrin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm21.28), kwantu ghal tmintax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm18.50) royalty dovuta bil-quddiem ghal perijodu mis-6 ta' Settembru, 2002 sal-5 ta' Settembru, 2003, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011608 (Dok "A") rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut inghata d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Elizir Beauty Salon" Naxxar, u zewg liri u tmienja u sebghin centezmu (Lm2.78) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Novembru, 2002, kif ukoll l-ittra ufficjali tat-13 ta' Marzu, 2003, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li b'nota prezentata fit-22 ta' Mejju, 2003, il-konvenuta ammettiet t-talbiet attrici.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' wiehed u ghoxrin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm21.28) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Settembru, 2002, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Novembru, 2002, kif ukoll l-ittra ufficjali tat-13 ta' Marzu, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------